# Aspetti tat-Teoloġija tas-Saċerdozju

***Fl-Ittri lis-Saċerdoti tal-Papa Ġwanni Pawlu II nhar Ħamis ix-Xirka***

Dun Hector Scerri

## 1. Daħla

Meta wieħed iqalleb sew l-Ittri li ta' kull sena l-Papa Ġwanni Pawlu II kien jibgħat lis-saċerdoti fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka, isib bosta elementi importanti dwar it-teoloġija tas-saċerdozju. Matul is-sitta u għoxrin sena u nofs tal-pontifikat twil tiegħu, dan il-Papa kiteb ittra kull sena, bl-eċċezzjoni tal-1980 u l-1981. Xi wħud minn dawn l-ittri huma wkoll marbuta ma' xi avveniment importanti li l-Knisja jew is-soċjetà kienet qed tiċċelebra f'sena partikulari (eż. is-sena tal-Ewkaristija 2004-2005, il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, is-sena 1995 li kienet ddedikata lin-nisa, il-biċentinarju mit-twelid tal-Kurat d'Ars fl-1986, is-Sena taż-Żgħażagħ tal-1985).

L-Ittri huma mimlija daqs bajda b'tagħlim spiritwali, pastorali u teoloġiku. Fihom, il-Papa Ġwanni Pawlu II iħeġġeġ lis-saċerdoti biex jgħixu b'mod aktar intensiv il-vokazzjoni tagħhom. Naqraw materjal għani ħafna li jiffaċilita l-kontemplazzjoni u l-istudju. Li se nipprova nagħmel f'dan l-istudju sempliċi huwa li nelenka dawn it-temi prinċipali kif joħorġu minn din il-ġabra, u nesplorahom billi nsemmi xi punti li jagħfas fuqhom il-Papa pollakk. Biex nissimplifika l-qari ta' dan l-artiklu, ir-referenzi għall-Ittri u għal xi dokumenti oħra se jkun parti mit-test stess.

## 2. Is-Saċerdozju ta' Kristu. Is-saċerdozju ġej minn Alla

Fl-Ittri ta' Ħamis ix-Xirka, Ġwanni Pawlu II kien spiss jirreferi għal Kristu li huwa s-Salvatur tad-dinja u s-Saċerdot tal-Patt il-ġdid u etern. Jafferma ċar u tond li "is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu huwa etern u definittiv, bħalma s-sagrifiċċju li huwa offra huwa definittiv u etern" (*Ittra* 1989, n.1). Din il-verità teoloġika hija preżenti fl-Ittri kollha, u

f'ħafna minnhom, il-Papa jitkellem fit-tul dwar it-teoloġija tas-saċerdozju ta' Kristu. Kif se naraw aktar tard, is-saċerdozju, kemm dak universali kif ukoll dak ministerjali, jikkonsisti f'tisħib fil-missjoni triplika ta' Kristu li huwa Profeta, Saċerdot u Sultan. Ifakkar lis-saċerdoti li bħala nsara u membri tal-Poplu t'Alla, u mbagħad bħala ministri mseħbin f'ordni ġerarkiku, l-oriġni tal-vokazzjoni tinsab fil-missjoni u fl-uffiċċju tal-Imgħallem li huwa Profeta, Saċerdot u Sultan (*Ittra* 1979, n.3).

### 3. Is-Saċerdozju ta' Kristu huwa ministerjali u ġerarkiku

Kif qegħdin naraw, Kristu li huwa s-Saċerdot waħdieni u etern jaqsam is-saċerdozju tiegħu mal-imgħammdin b'żewġ modi: permezz tas-saċerdozju komuni (jew universali) li għandhom l-imgħammdin kollha, u permezz tas-saċerdozju ministerjali li jeżerċitaw f'ismu s-saċerdoti u l-isqfijiet. Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li "is-saċerdozju komuni tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku, għalkemm huma differenti fl-essenza u mhux biss fil-grad, madankollu huma maħsuba għal xulxin għaliex it-tnejn, kull wieħed bil-mod tiegħu, jipparteċipaw mis-saċerdozju wieħed ta' Kristu. Is-saċerdot ministerjali, bis-setgħa li biha huwa mżejjen, jifforma u jmexxi l-poplu saċerdotali, itemm is-sagrifiċċju ewkaristiku fil-persuna ta' Kristu u joffrih lil Alla f'isem il-poplu kollu" (*Lumen Gentium*, n.10). Is-sehem tal-imgħammdin kollha fis-saċerdozju ta' Kristu kif imfisser f'din is-silta tal-Konċilju Vatikan II nsibu referenza għalih f'bosta mill-Ittri li qed nanalizzaw, b'mod partikulari dawk tal-1979, l-1989, l-1990 u l-1996.

Ġwanni Pawlu II jfakkarna li s-saċerdozju ministerjali huwa element essenzjali fil-binja tal-Knisja (*Ittra lis-Saċerdoti*, 2000, n.7). Huwa Kristu nnifsu li waqqaf dan is-sagrament meta amar lill-Appostli: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (1 Kor 11,24). Il-Papa jisħaq fuq l-aspett kristoċentriku ta' dan kollu għax is-saċerdot jirċievi s-saċerdozju direttament mingħand Kristu s-Saċerdot, is-Saċerdot waħdieni tal-Patt il-Ġdid (*Ittra* 1995, n.3). Għaldaqstant, is-saċerdozju ministerjali huwa "ngastat" fil-misteru tal-fidwa. Il-misteru tal-fidwa huwa l-għajn tas-saċerdozju ministerjali, għaliex huwa permezz tal-misteru tal-Għid li Kristu hu magħmul is-Saċerdot tal-Patt il-Ġdid.

Is-saċerdozju huwa kemm ministerjali, kif ukoll ġerarkiku. Huwa ministerjali għaliex "fil-pjan ta' Kristu, huwa espressjoni ta' qadi. Meta ħasel riġlejn l-appostli, huwa saħaq bil-kbir fuq il-karattru 'ministerjali' tas-saċerdozju li waqqaf f'dik il-lejla" (*Ittra* 1995, n.7). Dan is-servizz li huwa wkoll "uffiċċju" huwa indirizzat għall-ġid tal-umanita' kollha, u jseħħ permezz ta' Kristu fil-Knisja.

Is-servizz huwa wkoll ġerarkiku għaliex iwassal is-saċerdot biex jibni u jmexxi l-komunita' id f'id mal-isqfijiet li rċevew is-setgħa u l-kariżma mingħand l-appostli fi ħdan il-Knisja (*Ittra* 1985, n.1). Fil-kuntest tal-Knisja, din is-*sacra potestas*, hija fil-qalba tagħha *servizz* (*Ittra* 1989, n.2). Dan kollu juri li s-saċerdoti huma differenti mill-imgħammdin l-oħra minħabba "l-karattru sagramentali li jiddistingwihom bis-saħħa tal-Ordni Sagri li huma rċevew. Dan il-karattru jiggarantixxi li l-preżenza u l-ministeru tagħhom huwa uniku, indispensabbli u insostitwibbli" (*Ittra* 2000, n.5).

## 4. L-Identità tas-Saċerdot

Is-saċerdoti huma ri-preżentazzjoni (jew ri-attwalizzazzjoni) sagramentali ta' Kristu Saċerdot. Kristu huwa wkoll ir-Ragħaj il-Kbir, u huwa Kristu stess li jagħmel lis-saċerdoti rgħajja ta' ħuthom il-bnedmin. Is-saċerdot huwa kkonsagrat għal din il-missjoni ta' ragħaj. Bħala ragħaj, huwa jmexxi l-Poplu nisrani b'dawn il-modi: (i) billi jiġbor u jippresiedi fuq il-Poplu t'Alla waqt il-misteru ewkaristiku (*Ittra* 1989, n.6); (ii) permezz tal-katekeżi; (iii) u permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni (*Ittra* 1986, n.6). Is-saċerdozju ma jistax jeżisti jekk mhux f'rabta ma' Kristu. Dan jisħaq fuqu Ġwanni Pawlu II meta jgħallem li "is-saċerdozju huwa tisħib speċjali fis-saċerdozju ta' Kristu, u ma jistax jeżisti mingħajru jew mifrud minnu. Is-saċerdozju ma jistax jiżviluppa jew jagħti l-frott jekk mhux b'għeruqu fi Kristu" (*Ittra* 1987, n.7). Dan l-aspett huwa mogħti importanza kbira mill-Papa, kif jagħmel ukoll meta jirreferi għall-maternita' spiritwali tal-Madonna, Omm is-Saċerdot Etern, għas-saċerdoti.

L-għajn tal-identita' tas-saċerdot huwa Kristu stess li jsieħeb lil kull saċerdot fis-saċerdozju tiegħu. Dan naqrawh b'mod partikulari fl-Ittri tal-1979 u tal-1986. F'din tal-aħħar, Ġwanni Pawlu II jisħaq fuq din

ir-rabta li ma tinħallx, anzi s-siġill li bih hu mmarkat is-saċerdot: "Mhijiex id-dinja li tiddetermina l-*istatus* tas-saċerdot, bħallikieku s-saċerdozju kien jiddependi minn bżonnijiet dejjem jinbidlu jew minn idejat dwar rwoli soċjali. Is-saċerdot huma mmarkat bis-siġill tas-Saċerdozju ta' Kristu, bil-għan li jissieħeb fil-funzjoni tiegħu bħala l-Medjatur waħdieni u r-Redentur" (*Ittra* 1986, n.10).

Il-ħidma ta' ragħaj tajjeb tissarraf f' għotja sħiħa biex ħadd ma jintilef u biex in-ngħaġ ikollhom ħajja bil-kotra (Ġw 17,12). Meta nħarsu lejn is-saċerdozju minn din il-perspettiva, is-sagrament tal-Ordni Sagri nifhmuh ukoll bħala sagrament "soċjali", għaliex is-saċerdot huwa "meħud minn fost il-bnedmin, u mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla" (Lhud 5,10).

## 4.1 Sacerdos alter Christus

Ma hemmx saċerdozju ministerjali mingħajr Kristu. Din hija r-raġuni għaliex huwa neċessarju li s-saċerdot ikun magħqud ma' Kristu. Kristu huwa l-għajn waħdanija u permanenti tal-ministeru tas-saċerdoti. Id-dilka u l-missjoni tas-saċerdot għandhom l-għeruq tagħhom fid-dilka messjanika u l-missjoni ta' Kristu s-Saċerdot. B'dan il-mod, is-saċerdot jieħu sehem fil-missjoni evanġelizzatriċi ta' Kristu. Peress li s-saċerdozju huwa ħaġa waħda mal-missjoni redentriċi ta' Kristu, dan is-sagrament iġib u jkabbar it-tama fid-dinja. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-fatt, jistqarr: "Aħna nirrikonoxxu bil-ferħ li parti sinifikanti mill-kontribut imprezzabbli tal-Knisja għall-progress tad-dinja ġej mill-ħidma umli u fidila ta' għadd bla tarf ta' ministri ta' Kristu, li kienu bennejja ġenerużi taċ-ċivilta' tal-imħabba" (*Ittra* 1999, n.2).

## 4.2 Is-Saċerdot jaġixxi 'in persona Christi'

Permezz tal-kliem "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,19; 1 Kor 11,24), Kristu istitwixxa l-ministri ta' dan is-sagrament fi ħdan il-Knisja tiegħu. Huwa preċiżament lil dawn il-ministri li huwa ordna li jaġixxu f'ismu, jiġifieri "in persona Christi". Dan huma jagħmluh bis-saħħa tas-saċerdozju ministerjali li Kristu żejjinhom bih bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu. Permezz tas-sagrament tal-Ordni Sagri, Kristu juri l-ħbiberija tiegħu lis-saċerdot meta jagħtih is-setgħa li jaġixxi f'ismu, *in persona*

*Christi capitis*. Dan iseħħ meta s-saċerdot jamministra s-sagramenti, speċjalment l-Ewkaristija. Is-saċerdot iwettaq is-sagrifiċċju ewkaristiku fil-persuna ta' Kristu u joffri dan is-sagrifiċċju lil Alla f'isem il-Poplu kollu (*Ittra* 1979, n.3). F'kull post fejn is-saċerdot jintbagħat biex jeżerċita il-missjoni tiegħu, huwa Kristu nnifsu li, fil-persuna tas-saċerdot, jgħaddi fl-ibliet u l-irħula jħabbar l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni (Mk 9,35).

## 4.3 Is-saċerdot huwa l-qaddej tal-Poplu t'Alla

Min-natura stess tal-ħajja u tal-missjoni tiegħu, is-saċerdot għandu post speċjali għal-lajċi. Dan l-ispazju fil-qalb u fil-ħsieb tiegħu huwa fundamentali għall-vokazzjoni tiegħu bħala ragħaj. Bħalma r-Ragħaj it-Tajjeb "jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu" (Ġw 10,11), is-saċerdot huwa msejjaħ jagħmel l-istess għotja tiegħu nnifsu kuljum. Is-saċerdozju ministerjali huwa għas-servizz tas-saċerdozju komuni: "Aħna qegħdin għas-servizz tal-Poplu t'Alla. Aħna qegħdin għas-servizz tal-missjoni tiegħu. Is-saċerdozju tagħna għandu jiggarantixxi il-parteċipazzjoni ta' kulħadd — irġiel u nisa — fil-missjoni profetika, saċerdotali u regali ta' Kristu" (*Ittra* 1995, n.7).

Huwa Kristu nnifsu li jaqdi fis-saċerdot u permezz tiegħu lill-Missier. Dan il-qadi jseħħ "fil-perspettiva tas-salvazzjoni tal-Poplu u fil-progress tas-Saltna t'Alla" (*Ittra* 1986, n.10). Huwa biss wara li jħalli l-Mulej jittrasformah permezz tal-ħniena tiegħu li s-saċerdot jista' jgħix ħajja integrata ta' qadi diżinteressat (*Ittra* 1979, n.4).

Is-saċerdot huwa don għall-komunita' li temmen. Dan il-fatt iwasslu biex ikun aktar konxju li dan is-servizz saċerdotali tiegħu għandu jagħmlu billi jaqsam mal-komunita' d-doni tal-Ispirtu s-Santu. Fi ħdan il-komunità għandu r-responsabilta' li jsaħħaħ il-fidi tal-imgħammdin, u li jġib 'il quddiem l-ordni morali, kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell komunitarju.

## 4.4 Is-saċerdot huwa qaddej tal-misteri ta' Alla permezz tal-ministeru tar-rikonċiljazzjoni u tal-Ewkaristija

Kull saċerdot huwa "qaddej tal-misteri t'Alla" (*Ittra* 1987, n.10). Huwa permezz tal-grazzja ta' Kristu li s-saċerdot huwa ministru tal-imħabba redentiva tal-Missier (*Ittra* 1999, n.1). Dan huwa jagħmlu

permezz tal-amministrazzjoni tas-sagramenti, l-aktar fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u l-Penitenza. Il-Papa jfakkar li s-saċerdot għandu jagħti prijorita' lil dan is-sagrament fuq attivitajiet oħra. Qabel kollox, is-saċerdot għandu jkun hu stess li jmur iqerr regolarment, u li jkollu ħajja spiritwalment intensa, u li jkabbar fih valuri umani għoljin. L-eżerċizzju ta' dan is-sagrament juri kemm is-saċerdot huwa tassew tabib tal-erwieħ (*Ittra* 1986, n.5). Il-Papa Ġwanni Pawlu II jfakkar li s-saċerdoti għandhom ikunu għalliema tal-verita' dwar il-maħfra ta' Alla lill-midinbin. Huma strumenti tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla, strumenti tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u amministraturi tal-qawwa li tifdi ta' Kristu. Filwaqt li jislet silta mill-ewwel enċiklika tiegħu *Redemptor Hominis*, il-Papa jfakkar li "l-maħfra sagramentali dejjem teħtieġ laqgħa personali ma' Kristu msallab permezz tal-medjazzjoni tal-ministru tiegħu" (*Ittra* 1986, n.7)

Barra minn hekk, is-saċerdot huwa ministru tal-Ewkaristija u għall-Ewkaristija. Is-servizz ewkaristiku jinsab fil-qalba tas-saċerdozju ministerjali. Hemm rabta qawwija u intima bejn is-saċerdot u l-Ewkaristija. Is-saċerdot huwa dak li jiċċelebra l-Ewkaristija, kemm għax ilissen il-kliem tal-konsagrazzjoni u jagħmel lil Kristu sagramentalment preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid, kif ukoll għax huwa dak li jqassam l-Ewkaristija lill-fidili. Għax l-Ewkaristija tinsab fiċ-ċentru tal-ħajja u l-ħidma saċerdotali, Ġwanni Pawlu II jisħaq kemm huwa importanti li s-saċerdot ikun tassew magħqud ma' Kristu permezz tal-adorazzjoni ewkaristika.

Fl-aħħar Ittra tiegħu, huwa jitkellem dwar adorazzjoni ewkaristika mtawla sabiex Kristu "jimla s-solitudni tas-saċerdot bil-Preżenza tiegħu. Dan iwassal biex il-konsagrazzjoni tas-saċerdot tingħata minn din il-Preżenza dik l-intimita' taqbad ma' Kristu, li jagħti ferħ u tifsir lill-ħajja tas-saċerdot (*Ittra* 2005, n.6). Ifisser li huwa permezz ta' din il-kontemplazzjoni ewkaristika li huwa jkompli jiskopri il-vokazzjoni vera tiegħu, jiġifieri li jkun *alter Christus*: "Għalhekk huwa d-dmir tas-saċerdot li jġedded *in persona Christi* dak li Ġesu' għamel fl-Aħħar Ċena meta waqqaf is-sagrifiċċju Ewkaristiku, l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija" (*Ittra* 2000, n.5; ara wkoll *Ittra* 2004, n.2-3). Il-ħidma kollha tas-saċerdot tagħti l-frott permezz tas-Sagrifiċċju tal-Ġisem u d-Demm

ta' Kristu, sagrifiċċju li huwa mġedded kuljum. Kemm l-Ewkaristija kif ukoll is-saċerdozju huma doni li Alla ta lill-Knisja. Ġwanni Pawlu II jispjega li d-don tas-saċerdozju jagħmel possibli li d-don l-ieħor, jiġifieri l-Ewkaristija, ikompli jingħata lill-bnedmin (*Ittra* 1982, n.8).

Fl-Ittri tal-1983 u tal-1988, Ġwanni Pawlu II jispjega kif il-missjoni tas-saċerdot fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tal-Qrar għandha fil-qalba tagħha l-ħbiberija tas-saċerdot ma' Kristu. L-Ittra tal-1983 tislet is-silta ta' Ġwanni 15,15, "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja..., imma sejjaħtilkom ħbieb", kliem li Ġesu' lissen fil-kuntest tat-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju. Peress li s-saċerdoti wirtu l-missjoni tagħhom mill-Appostli, huma wkoll imsejħin biex ikunu ħbieb ta' Kristu. Din il-ħbiberija tikber permezz ta' intimita' ma' Kristu fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Fl-Ittra tal-1988, il-Papa jirrifletti li huwa diffiċli timmaġina li Kristu kien se jafda l-Ewkaristija u l-Qrar lil persuni li mhumiex ħbieb tiegħu. Din il-ħbiberija twassal lis-saċerdoti biex ikunu ħabbara u qaddejja tal-Misteri qaddisa t'Alla, frażijiet li spiss niltaqgħu magħhom fl-Ittri li qed nistudjaw.

## 4.5 Is-saċerdot huwa bniedem tat-talb

Fid-dawl ta' dak li għidna, huwa permezz tat-talb li s-saċerdot iġarrab b'mod qawwi l-esperjenza li huwa iben adottiv ta' Alla. Dment li huwa jkun iltaqa' mal-Missier, huwa jkun jista' jgħin lill-ingħannidin jiskopru d-dinjita' u l-ferħ li huma wlied il-Missier tas-Sema. Jgħin lil ħutu l-bnedmin billi jkun għalihom għalliem tat-talb. Permezz tat-talb, is-saċerdot isir aktar sensittiv u attent għall-ħtiġijiet tal-oħrajn. Kemm-il darba huwa jkun tgħallem jaqra is-sinjali tal-imħabba t'Alla fil-ħajja personali tiegħu, il-ħidma pastorali tiegħu ssir espressjoni ħajja u awtentika tal-ħajja spiritwali tiegħu. Huwa għalhekk li Ġwanni Pawlu II jgħid li "huwa essenzjali għall-Knisja li l-identita' tas-saċerdot tkun imħarsa permezz tad-dimensjoni vertikali ta' ħajtu" (*Ittra* 1986, n.10).

Is-saċerdot isib il-pedament tat-talb tiegħu fl-esperjenza tal-Ġetsemani, jiġifieri kull meta huwa jilqa' r-rieda tal-Missier sabiex ikun jista' jwieġbu permezz tas-sagrifiċċju ta' ħajtu, kif għamel Ġesu' Kristu waqt l-Aħħar Ikla u fuq il-Kalvarju. Ġwanni Pawlu II jiftaħ qalbu beraħ

meta jistqarr: "li titlob ifisser li żżomm ħarstek imwaħħla fuq Kristu" (*Ittra* 2004, n.5).

## 5. Iċ-ċelibat Saċerdotali

Iċ-ċelibat saċerdotali huwa suġġett li l-Papa Ġwanni Pawlu II jagħtih importanza f'bosta mill-Ittri tiegħu ta' Ħamis ix-Xirka. Huwa jfakkarna f'dak li San Pawl jgħid lill-insara ta' Korintu, li "t-teżor tagħna jinsab f'ġarar tal-fuħħar". Iċ-ċelibat huwa don tal-Ispirtu, u skond il-Papa, "mhuwiex biss sinjal eskatoloġiku; għandu wkoll tifsira soċjali kbira fil-ħajja ta' issa ta' servizz lill-Poplu ta' Alla. Permezz taċ-ċelibat, is-saċerdot isir bniedem *għall-oħrajn*" (*Ittra* 1979, n.8). B'hekk, is-saċerdot ikun qiegħed jagħżel paternita' spiritwali minflok dik tad-demm u l-laħam. Fl-Ittra tal-1993, il-Papa pollakk jistqarr li ċ-ċelibat huwa don mogħti lill-individwu u lill-Knisja. F'Ittra oħra, huwa jgħaqqad ukoll iċ-ċelibat mal-liberta': "Iċ-ċelibat huwa sinjal tal-liberta' li teżisti bil-għan li wieħed jaqdi" (*Ittra* 1979, n.8). }afna mill-Ittri l-oħra jitkellmu dwar iċ-ċelibat bi kliem li jixtiebaħ. L-Ittra tal-1988 ttenni l-kunċett ta' paternita' spiritwali, u tagħmel riflessjoni dwar dawk li jagħżlu li jsiru ewnuki għas-Saltna t'Alla.

Għalkemm ir-relazzjoni bejn is-saċerdozju u l-mara hija msemmija f'ħafna mill-Ittri ta' Ħamis ix-Xirka, tnejn minnhom jispikkaw. L-Ittra tal-1988 (waqt is-Sena Marjana) tirreferi b'mod partikulari għall-Verġni Marija, waqt li dik tal-1995 tagħmel referenza speċjali għall-mara fis-sena ddedikata lilha. Ġwanni Pawlu II jistqarr li s-sagrament tal-Ordni Sagri huwa arrikkit mill-maternita' u mill-femminilita'. Fl-Ittra tal-1995, huwa jerġa' jfisser il-fatt li s-saċerdozju ministerjali huwa riżervat għall-irġiel biss, kif kien għamel f'dokument ieħor tal-Maġisteru, sena qabel.

## 6. Is-Saċerdozju huwa grazzja, don u misteru

Is-saċerdozju ministerjali huwa mogħni bil-grazzja. Is-saċerdot jirċievi din il-grazzja għaliex permezz tas-sagrament tal-Ordni Sagri huwa jitwaħħad mal-awtur ta' kull grazzja. Is-saċerdot huwa sagrament tal-Medjatur waħdieni u amministratur f'isem Kristu, l-għajn tal-grazzja. Din il-grazzja hija mogħtija sabiex is-saċerdot, flimkien mal-

isqfijiet u sħabu s-saċerdoti, jagħti sehmu fil-bini tal-Knisja. Huwa f'dan id-dawl li s-saċerdoti huma mistiedna jilqgħu l-appell tal-Papa Ġwanni Pawlu II meta jistqarr: "Ejjew inkun fidili bi qlubija għal din il-grazzja!" (*Ittra* 1984, n.4).

Is-saċerdozju huwa rigal mhux biss għall-Knisja lokali jew dik universali, imma saħansitra għad-dinja kollha. Is-saċerdozju huwa wkoll misteru, fi kliem ieħor sinjal tal-imħabba t'Alla għall-umanita'. Kull saċerdot huwa responsabbli li jiskopri u li jkun grat għall-grazzja sublimi li huwa rċieva "bit-tqegħid tal-idejn" (2 Tim 1,6). Ġwanni Pawlu II jistqarr li "kull saċerdot jġorr id-dmir li jiskopri mill-ġdid *id-don* kif ukoll *l-misteru* tas-saċerdozju (*Ittra* 2000, n.7).

## 7. Il-promozzjoni vokazzjonali

Fid-dawl ta' Mattew 9,38, il-Papa iqawwi l-qalb tas-saċerdoti u jħeġġiġhom biex jitolbu u jaħdmu għall-vokazzjonijiet saċerdotali. Mhux biss juri x-xewqa li ħafna żgħażagħ iħaddnu din il-vokazzjoni, imma għal dan il-għan huwa jsostni l-importanza ta' impenn personali fit-talb. Sena qabel ma miet, Ġwanni Pawlu II kiteb li "it-talb, arrikkit mill-offerta siekta tat-tbatija, jibqa' l-ewwel u l-aktar mod effettiv għall-pastorali vokazzjonali" (*Ittra* 2004, n.5). Il-Papa jistqarr il-konvinzjoni tiegħu li jkun hemm aktar vokazzjonijiet jekk minbarra l-pastorali vokazzjonali s-saċerdoti stess jagħtu xhieda b'ħajjithom tal-ġmiel tas-sejħa u l-għożża tagħhom għaliha.

## 8. L-interċessjoni tal-Verġni Marija

Ġwanni Pawlu II jħobb isejjaħ lil Marija bħala dik li tħares is-saċerdoti. Fuq l-eżempju ta' Marija, is-saċerdot ukoll għandu jagħti l-*fiat* tiegħu f'kull sitwazzjoni tal-ħajja billi jħalli lilu nnifsu jitmexxa mill-Ispirtu s-Santu, bħal Marija (*Ittra* 1997, n.7). Għalhekk huwa importanti li s-saċerdot idur lejn Marija meta jiltaqa' ma' diffikultajiet fil-mogħdija tiegħu (*Ittra* 1988, n.5), għaliex hija wkoll għaddiet minn tbatija u diffikultà fl-impenn sħiħ tagħha lil Alla. Ġwanni Pawlu II jistqarr: "Kull wieħed minna, għaldaqstant, għandu jieħu lil Marija ġewwa daru, kif għamel l-Appostlu Ġwanni fuq il-Golgota. Fi kliem ieħor, kull wieħed minna għandu jħalli lil Marija tgħammar 'bejn il-

ħitan tad-dar' tas-saċerdozju sagramentali tagħna, bħala omm u medjatriċi ta' dak "il-misteru kbir" (Ef 5,23) li aħna lkoll nixtieqi naqdu bil-ħajja tagħna" (*Ittra* 1988, n.4).

Bil-fedeltà tagħha, Marija hija mudell tad-dixxipulat. Fuq l-eżempju tal-*fiat* ta'. Marija, is-saċerdot jgħix id-don taċ-ċelibat fil-milja kollha tiegħu. Bħal Marija huwa se jkun lest li jaqdi lil kulħadd. L-Omm t'Alla hi eżempju għall-Knisja kollha fil-mixja tagħha lejn Dar il-Missier. Il-Papa jfakkar li Marija, Omm Alla u Omm is-saċerdoti, żgur li tqawwi qalb is-saċerdoti kollha u tassistihom, huma li huma il-ministri ordnati u midluka ta' Binha.

Il-Knisja rċeviet il-kmand ta' Kristu li xxandar il-messaġġ tiegħu madwar id-dinja biex kulħadd ikun salv. Peress li huwa ministru ordnat tal-Knisja, is-saċerdot jġorr ir-responsabilta' kbira li jwettaq fedelment din il-ħidma li Kristu ta lit-Tnax u lis-suċċessuri tagħhom. Huwa f'dan id-dawl li wieħed jista' jgħid li l-vokazzjoni saċerdotali hija tassew kbira, universali u missjunarja, u li permezz tagħha s-saċerdot jista' jaqdi lil kull bniedem. Is-saċerdot għalhekk huwa involut fil-proċess spiritwali tal-"ġenerazzjoni" u "r-riġenerazzjoni" tal-bnedmin bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja. Huwa f'din il-perspettiva li s-saċerdot huwa missier spiritwali, li fuq livell uman, jixbaħ il-maternità ta' Marija (*Ittra* 1988, n.4).

## 9. Għeluq

Din il-ġirja ħafifa li għamilna fl-Ittri ta' Ħamis ix-Xirka tal-Qaddej t'Alla Ġwanni Pawlu II wasslitna biex napprezzaw bosta aspetti ċentrali fit-teoloġija tas-saċerdozju. Bil-qari ta' dawn il-ħamsa u għoxrin Ittra, wieħed jasal biex jifformula x'inhuma l-pilastri tas-saċerdozju skond ir-Rivelazzjoni u skond il-Maġisteru kif imwassal lilna minn Papa kbir li kellu ħafna għal qalbu l-kuntatt mas-saċerdoti. Kemm-il darba, esprima x-xewqa li huwa jkun magħhom bħalma Kristu kien mat-Tnax fil-Kamra ta' Fuq. It-tagħlim dwar is-saċerdozju kif imwassal lilna minn dan il-Papa kbir jinsab f'għadd ferm akbar ta' dokumenti, messaġġi tal-okkażjoni u omeliji. Insemmi biss ftit għal min jixtieq jaqra aktar jew jagħmel riċerka usa': (i) l-omeliji tiegħu nhar l-Ordinazzjonijiet Saċerdotali (fir-Raba' Ħadd tal-Għid ta' kull sena), u nhar

l-Ordinazzjonijiet Episkopali (normalment nhar is-6 ta' Jannar ta' kull sena); (ii) l-Eżortazzjonijiet Post-Sinodali *Pastores Dabo Vobis* (1992) dwar il-formazzjoni u l-ħajja tas-saċerdoti, u *Pastores Gregis* (2003) dwar il-missjoni tal-Isqfijiet bħala xandara tal-Kelma; (iii) il-laqgħa ta' kull sena mas-saċerdoti tad-djoċesi ta' Ruma fil-bidu tar-Randan; (iv) il-ktieb *Don u Misteru* (1996) dwar l-istorja tal-vokazzjoni tiegħu, f'għeluq il-ħamsin sena mill-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħu; (v) il-ktieb tiegħu *Alzatevi, Andiamo!* (2004) dwar l-esperjenza tiegħu bħala isqof.

Dawn huma biss ftit referenzi importanti. Jidhirli, però, li l-aktar tagħlim qawwi dwar is-saċerdozju, Ġwanni Pawlu II tahulna bil-mod kif hu stess għex dan is-sagrament fl-għotja sħiħa tiegħu nnifsu lil Alla u lill-Poplu tiegħu sal-aħħar nifs ta' ħajtu. Bħalma kien ġest qawwi li l-Ittra lis-Saċerdoti waqt il-Ġublew huwa ffirmaha fiċ-Ċenaklu ta' Ġerusalemm waqt il-vjaġġ li kien qed jagħmel fl-Art Imqaddsa, huwa wkoll ferm sinifikattiv li l-aħħar Ittra tiegħu lis-Saċerdoti ffirmaha fil-Policlinico Gemelli ta' Ruma, għoxrin jum qabel il-mewt tiegħu. Dakinhar meta ruħu ttajret lejn is-sema, fit-2 t'April 2005, il-liżar li kien jgħattih sar it-terħa tal-altar tas-sagrifiċċju sħiħ tiegħu lil Alla, u ġismu marid id-debħa sħiħa li offra b'qalbu kollha lill-Missier il-Ħniena.